MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Avviz Numru. 557/2005

**Saviour Cutajar**

**vs**

**Kenneth Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat il-21 ta’ Novembru tas-sena 2005, li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur is-somma ta’ elfejn, tminn mija u hamsin Lira Maltin, (LM2,850.00,0) rapprezentanti valur ta’ appalt, (inkluz xoghol u materjal), esegwiti minnu fuq inkarigu tal-konvenut fil-fond “Omni”, Triq Dun Mikiel Azzopardi, is-Siggiewi, izda mhux imhallas;
2. Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ zewg ittri datati 16 ta’ Mejju tas-sena 2005 u 28 ta’ Ottubru tas-

sena 2005 u hawn annessi bhala Dok A u Dok B, il-konvenut baqa' inadempjenti u ghalhekk kellhom jigu institwiti dawn il-proceduri;

3. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2431/05 u bl-imghax legali kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-24 ta' Frar tas-sena 2006, li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, stante illi x-xogholijiet ezegwiti mill-attur illi taghhom qieghed jigi pretiz il-hlas ma sarux skond is-sengha u l-arti u inoltre kkawzaw danni fil-proprjeta` ta' l-attur kif spjegat fil-kontrotalba kontestwalment pprezentata;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mill-attur huwa eccessiv stante illi jkopri xogholijiet illi ma gewx ordnati mill-konvenut izda minn terzi;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenut Kenneth Azzopardi ukoll datata l-24 ta' Frar tas-sena 2006, li permezz taghha, wara d-debiti premessi, hemm inkluzi, talab is-segwenti:

1. Illi x-xogholijiet li saru mill-attur rikonvenzjonat ma sarux skond is-sengha u l-arti;

2. Illi l-attur rikonvenzjonat, bi traskuragni u b'nuqqas ta' sengha u arti, ikkawza danni fil-proprjeta` tal-konvenut fl-ammmont ta' elf u sebghin Liri Maltin (LM1070);

3. Illi tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat ihallas lill-konvenut is-somma ta’ elf u sebghin Liri Maltin (LM1070);

Bl-ispejjez tal-attur li huwa ngunt ghas-subizzjoni;

Rat, in vista tas-suespost, in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur datata s-16 ta’ Marzu tas-sena 2006, li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-pretensjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi x–xogholijiet in kwistjoni saru minghajr traskuragni u skond is-sengha u l-arti;

2. Illi inoltre u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attur rikonvenut m’huwiex responsabbli ghall-allegati danni kkawzati fil-fond “Omni”, Triq Dun Mikiel Azzopardi, Siggiewi, stante illi dawn l-allegati danni ma gewx ikkawzati minnu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ezaminat in-noti t’osservazzjonijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-attur huwa bennej u fis-sena 2000 kien gie nkarigat mill-konvenut biex jaghmel xi xogholijiet ta’ kostruzzjoni fir-razzett proprjeta` ta’ l-istess konvenut indikat fl-avviz promotur;

2. Illi l-attur Cutajar isostni li x-xogholijiet li kien gie imqabbad jaghmel mill-konvenut fl-imsemmi fond kien ghamlu ghas-sodisfazzjoni ta' l-istess konvenut, u effettivament kien ukoll gie effetwat il-pagament dovut;

3. Illi sa din l-ewwel fazi tar-relazzjoni bejn il-partijiet jidher li kulhadd hareg reciprokament sodisfatt;

4. Illi fl-2004 il-konvenut jidher li rega' rrikorra ghas-servizzi ta' l-attur fejn wara li ddiskutew ezattament x'kellu jsir, qabblu wkoll fuq il-prezz li kellu jkun dovut mill-konvenut lill-attur ghal dan ix-xoghol;

5. Illi dan ix-xoghol kellu jikkonsisti fis-segwenti:

i. twaqqiegh tas-sular ta' fuq ta' l-istess razzett fuq indikat;

ii. twaqqiegh ta' kamra ohra fit-tarf tar-raba`;

iii. kellu jinghata xi konkos fl-art tal-kamra li kienet ser titwaqqa';

iv. illi inoltre, it-travi kellhom jinghataw lill-konvenut, u l-materjal, gebel u konkos kellu jiehu hsiebhom l-attur;

6. Illi l-prezz pattwit ghal dawn ix-xogholijiet kellu jkun elfejn tminn mija u hamsin Lira Maltin (LM2,850.00,0), ekwivalent ghal sitt elef sitt mija u tmienja u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€6638.71);

7. Illi appena kien konkluz l-imsemmi ftehim, l-attur beda x-xogholijiet;

8. Illi wara li l-post kien spezzjonat minn ufficcjal tal-MEPA, l-attur isostni li kien gie imwaqqaf milli jaghti l-konkos kif pattwit;

9. Illi nonostante dan, wara inkontru mal-konvenut u l-perit tieghu, l-attur kien gie ordnat jaghti dan il-konkos kif originarjament miftiehem;

10. Illi jidher li d-dizgwid bejn il-partijiet beda f’dan il-perjodu meta l-konvenut talab lill-attur jaghmel xi ftit konkos f’rampa li kien hemm fuq il-post;

11. Illi meta l-attur eventwalment mar jeffettwa dan ix-xoghol, il-konvenut infurmah li jekk ma jaghmillux ir-rampa kollha ma kienx ser ihallsu;

12. Illi skond l-attur, jidher li l-konvenut talbu biex jitlaq mix-xoghol minnufih u ma jidhirx aktar fuq il-post, (ara fol 27);

13. Illi minn dan ‘il quddiem ir-relazzjoni bejn il-partijiet ipprecipitat, u l-konvenut irrifjuta li jhallas lill-attur dak lilu dovut u rrifjuta wkoll ihallieh jiehu l-materjal u l-ghodda tieghu minn fuq il-post;

14. Illi ghalhekk l-attur qed jitlob l-ammont minnu ndikat fl-avviz promotur u ghalhekk kellu jirrikorri ghal din il-procedura;

Ikkunsidrat:

Illi skond xhieda ohra pprezentata jirrizulta s-segwenti:

1. Illi l-konvenut inkariga lid-ditta “Partnership Architecture Project” biex jezaminaw il-fond in dizamina;

2. Illi din id-ditta ppreparat stima tax-xogholijiet ammontanti ghall-tlett elef u mitejn u tlett Ewro u sebghin centezmu, (€3203.70), exkluz il-VAT;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza, nonostante t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut, hi estiza ghat-talbiet attrici, stante li l-konvenut

ma ressaq l-ebda riskontru skond il-ligi biex din il-qorti tkun tista` b'xi mod tavalla dak minnu hemm allegat, u konsegwentement, stante in-nuqqas ta' provi skond il-ligi, qed tirrespingi l-allegazzjonijiet u talbiet kollha minnu elenkati fl-istess talbiet rikonvenzjonali tieghu;

Illi mill-bqija, hi konvinta li l-attur pprova l-kaz tieghu skond il-ligi u t-talbiet tieghu jimmeritaw l-avall ta' din il-qorti anke minhabba l-fatt li l-konvenut ma kkonfuta xejn minn dak sostenut mill-attur;

Ghaldaqstant filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut u t-talbiet tieghu rikonvenzjonali, takkolji l-eccezzjonijiet ta' l-attur u t-talbiet tieghu u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenut Azzopardi biex ihallas lill-attur Cutajar elfejn, tminn mija u hamsin Lira Maltin, (LM2,850.00,0) ekwivalent ghal sitt elef sitt mija u tmienja u tletin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€6638.71);

2. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti mid-data tas-sekwestru indikat fl-istess avviz promotur kontra l-konvenut Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------